MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Numru. 416/2012

Il-Pulizija
(Sp Jason Sultana u Sp Michael Mallia)
vs
Michael Oluwafemi Tewogbola, iben Samuel, imwieled in-Niġerija fl-24 ta’ Lulju, 1979, karta ta’ l-identita numru 23312(A)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fis-17 ta’ April, 2012 għal ħabta tad-9.20 a.m. ġewwa l-ħanut bl-isem ‘Golden Harvest’ li jinsab ġewwa Misrah Turu Colombo, Gżira kkometta serq ta’ flus kontanti li l-valur tagħhom ma jiskorriex l-€232.93 liema serq hu aggravate bil-vjolenza u li seħħ għad-dannu ta’ Adam Cuschieri;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Adam Cuschieri;
3. talli rrenda ruħu reċidiv b’diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-10 ta’ Lulju, 2012 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kawża kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maġsub:
a. fl-artikolu 261(a), 262(1)(2) u 274(ċ) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikolu 17, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Ottubru, 2012 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Mejju, 2012 fejn Adam Cuschieri nforma l-Qorti li l-imputat irritorna l-flus li kien seraq u li qed jaħfer lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2012 fejn l-imputat għal l-ewwel darba jtenni l-ħtija tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, fir-rigward tat-tieni akkuża tiddikjara l-proċediment eżawrit minħabba rinunzja da parti tal-persuna midruba. Issibu ħati tal-ewwel u tat- tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(a), 262(1)(2) u 274(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------